MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 785/2006

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` Worldwide Import & Export Co. Ltd (C6622) skond il-polza u bil-ligi u l-istess Wordwide Import & Export Co.Ltd.**

**Vs**

**Gollcher Company Ltd kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Excel Shipping Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-31 ta' Awissu 2006, fejn is-socjeta` attrici talbet, prevja kull dikjarazzjoni opportuna, li l-konvenuti jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu s-somma globali ta' elfejn mija u sitta u hamsin Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€2156.28), gja Lm925.69, jew somma ohra verjuri rapprezentanti

danni u spejjez inkorsi mill-mittenti in konnessjoni ma' nuqqasijiet u hsarat riskontrati fil-merkanzija oggett tal-Bill of Lading numru 969683, liema merkanzija waslet Malta fit-2 ta' Settembru 2005 fuq il-vapur CMA CGM BIZET, bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficcjali ta' Gunju 2006 u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenuti.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuti li fiha eccipew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ebda responsabbilta` ghall-hsarat u/jew danni huma imputabbli lil Gollcher Company Limited de proprio jew lil Excel Shipping Limited li taghha l-istess Gollcher Company Limited tagixxi bhala agent. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe responsabbilta` li tista` tigi akkolta minn dan it-Tribunal hija limitata ai termini tal-polza ta' kariku u skond il-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' **Dr Edmond Zammit Laferla** in rapprezentanza tas-socjeta` attrici, li fis-17 ta' Settembru 2007 xehed illi l-klijent taghhom huwa *World Wide Import and Export Company Limited* u qeghdin jitkellmu fuq Marine Cargo Insurance policy. Fit-2 ta' Settembru 2005 waslet konsenja Malta, ordnata minn World Wide Import and Export Company Limited minn socjeta` estera Ingliza bl-isem ta' Dawn Foods UK Limited.

Huwa ipprezenta u ikkonferma bil-gurament Dok EZL01 sa Dok EZL08, li l-ammont pretiz huwa ta' Lm950.69, li minnhom Lm25 huma excess.

Huwa jghid illi wara li ghamlu *survey* irrizultalhom li kien hemm pallet illi soffriet danni konsiderevoli (Dok EZL02). Il-konsenja kienet konsistenti fi bramel tac-cikkulata u fuq struzzjonijiet tal-*Waste Management Section* tal-MEPS, l-istess bramel tac-cikkulata kellhom jigu distrutti. Parti minn din il-konsenja giet mahruqa u l-ammont pretiz huwa l-valur tal-konsenja kif ukoll l-ispejjez involuti f'dan il-process. Dok EZL05 hija probation form datata 16 ta' Mejju 2006.

Sema' x-xhieda ta' **Peter Fleri Soler** prodott mis-socjeta` konvenuta li fit-3 ta' April 2008 xehed illi huwa jahdem

bhala *sales manager* mas-socjeta` konvenuta. Dwar il-kaz jghid illi l-merkanzija kienet waslet mill-Ingilterra, kienet ingarret go *groupage container* u skond l-agenti taghhom il-merkanzija li kienet konsistenti f'foodstuffs tghabbiet in *good condition*. Meta fethu l-container biex ihottu x-xoghol fil-warehouse irrizulta li *pallet* wiehed minn erbgha kien damaged. Huma hattewh f'dik il-kundizzjoni u l-istess kundizzjoni li fiha rcevewh. Huwa esebixxa Dok PFS li huma ritratti u internal report. Huwa jghid li lill-klijent ghaddewh fil-kundizzjoni li sabuh u allura ma kienx hemm hsarat ulterjuri. Huwa jghid li gew inkarigati mill-klijent taghhom gewwa Malta biex igorru x-xoghol mill-Ingilterra ghal Malta, igifieri l-agent taghhom gabar ix-xoghol kollu mis-supplier fl-Ingilterra u wassal ix-xoghol sad-depot taghhom f'Malta. Fizikament il-merkanzija ingarret minn Excel Shipping u jaghmel referenza ghad-dokument a fol 23 tal-process, il-*bill of lading*, li fuqha m'hemmx rimarki ta' hsarat.

L-istess xhud in kontro-ezami jixhed illi l-Excel Shipping ha l-prodott minghand is-supplier, poggewh fid-depot taghhom fl-Ingilterra, ghabbewh fuq il-container, il-container inghalaq bis-sigill, nizel il-port, tghabba fuq il-vapur u wasal Malta fil-kundizzjoni deskritta.

Ra n-**Nota** tas-socjeta` konvenuta pprezentata fis-27 ta' Mejju 2008 li permezz taghha pprezentat il-parti tal-polza ta' kariku li tikkontjeni l-pattijiet u kundizzjonijiet applikabbli ghall-kaz, b'referenza partikolari ghal klawsola 26A refiribbli ghall-limitation of liability, kif ukoll dokument ufficcjali tal-Bank Centrali ta' Malta. Inghad ghalhekk illi fic-cirkostanzi d-danni limitati li semmai japplikaw fil-konfront ta' Gollcher Co. Ltd. ghan-nom ta' Excel Shipping Limited huma ta' €1,516.05.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-llum ghad-decizjoni.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi s-socjetajiet attrici qed jitolbu lit-Tribunal jikkundanna lil dik konvenuta personalment jew f'isem Excel Shipping Limited ghall-hsarat kkagunati waqt it-tragitt mill-Ingilterra sa' Malta fuq *pallet* kontenenti ikel destinati ghas-socjeta` attrici Worldwide Import & Export Co. Limited.

Illi minn naha taghha, is-socjeta` konvenuta tichad kwalsiasi responsabbilta` kemm taghha personalment u kif ukoll ta' Excel Shipping Limited li taghha hija l-agent. Tiddikjara ukoll illi minghajr pregudizzju, kwalunkwe responsabbilita` se mai ghandha tigi akkolta fil-limiti imposti mill-polza ta' karigu.

Illi jirrizulta mis-survey li sar fl-imhazen tas-socjeta` attrici Worldwide Import & Export Co. Limited, illi l-merkanzija danneggjata kienet konsistenti f'"*chocolate and glaze topping paste stored in buckets*" u jirrizulta mis-survey illi l-"*contents of these buckets were spilling out of their containers*". L-istess dok EZL 02, is-survey report, jikkonkludi illi d-danni kienu kkagunati "*because the cargo must have moved during transportation and in doing so they toppled over and broke spilling their contents… The damage could definitely be attributed to bad packing of the container, which caused the cargo to shift to one side during the transit*". Gie kkalkulat illi kien hemm 70 barmil bi hsara u li gew distrutti.

Minn dok EZL 05 jirrizulta illi sar il-hlas ta' Lm925.69 mis-socjeta` attrici Citadel Insurance Plc lis-socjeta` attrici Worldwide Import & Export Co Limited, li minn naha ta' din ta' l-ahhar issurrugat lis-socjeta` ta' l-ewwel fid-drittijiet taghha.

Minn dok EZL 06 jirrizulta illi rappresentant ta' Gollcher Company Limited kien fid-data li l-konsenja wasslet Malta, irrimarka fuq id-Delivery order illi kien hemm *pallet* bi hsara, "*severely damaged*".

Minn Dok PFS 4, li hija e-mail mibghuta mis-socjeta` konvenuta Gollcher Co Limited dak in-nhar tal-konsenja, jirrizulta ukoll illi l-*pellet* li sofriet hsara aktarx li gralha hekk peress illi hija kienet "*crushed by a pallet containing*

*bags*”. Doks PFS 5 u PFS 6 imbaghad huma ritratti li juru car l-istat tal-*pallet* li sofriet il-hsara appuntu fil-container qabel ma nhattet. Dawk huma ritratti li jitkellmu wahedhom.

Mill-provi kollha prodotti kif hawn fuq indikat, it-Tribunal ma jistghax ma jikkonkludix illi :

a) il-konsenja destinata lis-socjeta` attrici Worldwide Import & Export Co. Limited soffriet danni fil-*pallet* li kien fiha numru ta’ bramel b’oggetti ta’ l-ikel fihom, oltre` danni ohra fi xkejjer.

b) apparti d-danni fil-valur tal-oggetti distrutti, danni ohra jirrizultaw fl-ispejjes ta’ skip u l-ispejjes inkorsi sabiex gew distrutti l-oggetti ta’ l-ikel danneggjati.

c) il-*pallet* evidentament illi sofra danni waqt it-trasport tieghu mill-Ingilterra lejn Malta u fuq livell ta’ probabbilita` mill-provi mressqa, it-Tribunal jasal biex jikkonkludi illi dan kien konsegwenza tal-mod hazin kif merkanzija ohra giet stivata fil-container flimkien mal-merkanzija inkwistjoni.

d) it-Tribunal isib kredibbli u attentibbli l-verzjoni moghtija minn Peter Fleri Soler prodott mis-socjeta` konvenuta illi - Excel Shipping Limited ha l-prodott minghand is-supplier, poggewh fid-depot taghhom fl-Ingilterra, ghabbewh fuq il-container, il-container inghalaq bis-sigill, nizel il-port, tghabba fuq il-vapur u wasal Malta fil-kundizzjoni deskritta, u in kwantu hekk, allura it-Tribunal sejjer jikkonkludi illi r-responsabbilita` tal-hsara subita mill-atturi hija esklussivament ta’ Excel Shipping Limited.

Illi jonqos issa illi jigi ezamint il-kwantum tas-somma mitluba u tad-danni realment subiti – anke fid-dawl tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, ossia illi r-responsabbilita` hija limitata fit-termini tal-polza ta’ karigu.

Is-socjeta` konvenuta taghmel referenza ghall-polza ta' karigu, parti mill-liema hija esebita permezz ta' nota tas-27 ta' Mejju 2008. L-Artikolu 26A ta' l-istess polza jistipula illi :

*Subject to clause 2(B) and 11(e) above and sub-clause (D) below, the company's liability howsoever arising and, nothwithstanding that the cause of loss or damage be unexplained, shall not exceed, in the case of claims for damage or loss, (a) the value of any loss or damage, or (b) a sum at the rate of 2 SDR per kilo of the gross weight of any goods lost or damaged whichever shall be the lower.*

Applikata din il-klawsola ghalhekk, is-socjeta` konvenuta tirrileva u tinsisti illi d-danni subiti u li ghalihom tista` tinstab responsabbli hi, ma jeccedux l-elf hames mija u sittax il-Ewro (€1516.05), mahduma fuq l-*iSpecial Drawing Rights* kif pubblikati mis-Central Bank of Malta fis-26 ta' Mejju 2008, meta giet ppresentata n-nota tas-socjeta` konvenuta.

Minn naha l-ohra, is-socjeta` attrici esebiet l-*iSpecial Drawing Right* ta' dak in-nhar illi hija skopriet il-hsara fil-konsenja, ossia tat-2 ta' Settembru 2005, u mahduma b'dik ir-rata, ssostni illi d-danni jammontaw ghal tlett elef u tnejn u disghin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm3092.20), ossia €7202.89.

It-Tribunal isib aktar giust u ekwu illi tigi applikata l-*SDR* tal-gurnata u l-mument li fih is-socjeta` attrici soffriet id-danni – u in kwantu illi l-ammont hekk mahuma jigi oghla mis-somma tal-valur tad-danni effettivament likwidati (Art 26(A)(i) – isib il-kwantum kif mitlub fl-Avviz bhala giust.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u wara illi sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jirrispingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta kif mharrka sabiex thallas lil dik attrici s-somma ta' elfejn mija u sitta u hamsin Ewro u seba` u

ghoxrin centezmu (€2156.27) gja Lm925.69, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------